# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2016

Appell Nru: 63/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Fleur Debono**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti Fleur Debono detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 206595M, flimkien ma *omissis,* akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli matul il-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar, 2011, gewwa dawn il-gzejjer:

1. Bil-hsieb biss li jaghmlu uzu temporanju minn vettura ta' l-ghamla Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni ABF-418 u vettura ta' l-ghamla Toyota Sera bin-numru ta' registrazzjoni IBG-195, ghamlu dan minghajr ma kellhom kunsens tas-sid jew sidien ta' l-imsemmija vetturi, bi ksur ta' l-artikolu 61(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkagunaw u/jew ghamlu hsara jew hassru jew gharrqu vettura ta' l-ghamla Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni ABF-418 ghad-dannu tas-sid jew sidien ta' l-imsemmija vettura, bi ksur tal-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Omissis wahidha talli matul il-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar, 2011 gewwa dawn il-Gzejjer:

3. Saqet vettura ta' l-ghamla Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni ABF-418 u kif ukoll vettura tal-ghamla Toyota Sera bin-numru ta' registrazzjoni IBG-195 minghajr ma kellha licenzja tas-sewqan mahruga minn Trasport Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura, bi ksur ta' l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli saqet vettura ta' l-ghamla Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni ABF-418 u kif ukoll vettura ta' l-ghamla Sera bin-numru ta' registrazzjoni IBG-195 minghajr ma kienet koperta b'polza dwar riskji ghal terzi persuni, bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Talli saqet vettura ta' l-ghamla Toyota Sera bin-numru ta' registrazzjoni IBG-195 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza, bi ksur ta' l-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunat griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Fleur Debono hekk kif iccertifikat minn Dr.Michael Spiteri M.D (Reg. No.2666) ta' l-isptar Mater Dei, bi ksur ta' l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunat u/jew ghamlet hsara jew hassret jew gharrqet vettura ta' l-ghamla Toyota Sera bin-numru ta' registrazzjoni IBG-195 ghad-dannu tas-sid jew sidien ta' l-imsemmija vettura, bi ksur ta' l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, kienet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Frar, 2014, fejn il-Qorti, fil-waqt li ma sabitx lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni u illiberatha minnha, wara li rat l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 61(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputata hatja ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur u ikkundannatha biex fi zmien sena thallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' tmien mija u tlettax--il Euro u tletin centezmu (€813.30) rapprezentanti nofs l-ispejjez inkorsi in konnessjoni mal-hatra tal-esperti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Fleur Debono, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Frar, 2014, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (a) Thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellanta hatja tal-ewwel akkuza rigwardanti l-uzu temporanju ta' zewg vetturi minghajr il-kunsens ta' sidhom; u kwindi tilliberaha minn kull htija u

piena; u (b) Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza in kwantu l-konvenuta appellanta giet illiberata mit-tieni akkuza rigwardanti l-hsara nvolontarja fuq l-istess vetturi; u dana filwaqt illi tordna kwalunkwe provvediment iehor illi jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi, inkluz dwar il-hlas ta' spejjez inkorsi in konnessjoni mal-hatra tal-esperti waqt l-Inkjesta Magisterjali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti processwali jemergi illi fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar, 2011 l-appellanta kienet fil-kumpanija ta' persuna ohra meta din tal-ahhar harget bl-ideja li jmorru dawra bil-karozza ta' missierha. Wara li din tal-ahhar akkwistat ic-cwievet tal-vettura ta' ommha, l-appellanta rikbet maghha u marru dawra izda l-vettura waqfet ftit wara minhabba li kien ezawrit il-fuel. Lura d-dar, l-appellanta harget bl-ideja li xorta wahda jmorru dawra, din id-darba bil-karozza ta' missier il-habiba taghha. Din tal-ahhar saqet il-karozza, allura ta' missierha stess, filwaqt illi l-appellanta kienet passiggiera. Din l-avventura izda spiccat hazin meta s-sewwieq, allura l-habiba tal-appellanta, tilfet il-kontroll tal-vettura u spiccat mahbuta f'sigra bil-konsegwenza li z-zewg tfajliet sofrew griehi u l-vettura ssubiet hsarat estensivi. Il-habiba tal-appellanta tressqet quddiem il-Qorti flimkien mal-appellanta u ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u wara separzzjoni tal-gudizzju l-kawza tkompliet kontra l-appellanta separatment;

Fl-aggravju taghha, l-appellanta targumenta illi la darba hi ma saqet l-ebda wahda mill-vetturi mehuda minghajr il-kunsens tas-sidien, ma setghet qatt tinsab hatja tal-imputazzjoni kif ravvizata fl-artikolu 61(1) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi hekk: *Kull min li bil-hsieb li jaghmel uzu temporanju taghha isuq xi vettura, kemma jekk immexxija b'forza mekkanika kemm b'mezz iehor ikun li jkun, minghajr ma jkollu l-kunsens tas-sid taghha jew awtorita' legittima ohra, jehel, meta jinsab hati prigunerija ghal-zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) izda mhux izjed minn mitejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) jew ghal dik il-prigunerija u multa flimkien.* L-appellanta ma saqet l-ebda wahda mill-vetturi u dejjem kienet passiggiera u l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet dan il-fatt izda minkejja dan rriteniet illi "*Dak li jehtieg li jigi pruvat huwa li l-imputata riedet tuza vettura minghajr ma tottjeni il-kunsens ta' sidha; L-uzu li ridet taghmel minnha mhux necessarjam ent ghandu jkun sewqan. L-imputata (flimkien ma'* ommisis *) ridet tuza l-vetturi in ezami biex tmur dawra u fil-fatt hekk ghamlet ghalkemm* ommisis *kienet qed isuq".* L-appellanta ghandha ragun fl-argumentazzjoni taghha ghaliex il-ligi tippunixxi s-sewqan tal-vettura minghajr il-kunsens tas-sid u mhux l-uzu taghha b'mod serparat. Meta l-ligi taghmel il-kwalifika tal-uzu, "*kull min bil-hsieb li jaghmel uzu temporanju*", taghmel dan biex tiddistingwi dan ir-reat minn dak ta' serq. Ghalhekk is-sewqan li huwa punit huwa dak is-sewqan ta' vettura maghmul minghajr il-kunsens tas-sid u bil-hsieb li jsir uzu temporanju tal-vettura. Issa la darba l-appellanta ma kienitx qed issuq il-vetturi certament ma tistghax tkun imputata b'success ghal-uzu temporanju ta' vetturi minghajr il-kunsens tas-sidien.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellanta ma kienitx misjuba hatja tat-tieni imputazzjoni u kienet lliberata minnha, thassaraha u tirrevokaha f'dik il-part fejn sabitha hatja tal-ewwel imputazzjoni u minflok tilliberaha minn kull htija u piena. Tirrevokaha ukoll

f'dik il-parti fejn ordnat lill-appellanta thallas nofs l-ispejjez inkorsi fil-hatra tal-esperti.